


# Il-Vara Titulari ta' Santa Katarina V. M.

Riċerka ta' Sando Debono B.A. (Hons.)

## Ħidmet l-Iskultur Andrea Imbroll u l-Istorja tagħha



Dettall tal-bambin fil-vara tal-Madonna tal-Karmnu, Mdina.



Dettall tal-vara ta' Santa Katarina, Żejtun.

L-istatwa titulari taż-Żejtun ilha għal dawn l-aħħar snin opra xi ftit misterjuża. Kien jingħad li nħadmet fi Spanja lejn tmiem is-seklu dsatax. (1) It-tradizzjoni li nġiebet minn Spanja ġiet kwotata minn bosta awturi li kitbu fuq din ix-xbiha. (2) Kien ġie wkoll stabbilit li l-ikonografija tagħha kellha tabilħaqq elementi Spanjoli interessanti. (3) Fl-edizzjoni ta' l-2003 ta' dan l-fuljett kien deher artiklu li fih ġiet ppublikata supplika, jew aħjar talba, li kienet tressqet fl-1762 quddiem l-awtoritajiet ekkleżjastiċi biex tingħata indulġenza lil vara titulari ġdida li kienet għadha kemm saret f'dak iż-żmien. (4). It-talba kienet tressqet minn Dun Dumink Abela, qassis mwieled iż-Żejtun u kappillan konventwali fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann. (5). F'dan l-istess artiklu kien ġie propost li t-tradizzjoni li l-vara ġiet minn Spanja kellha wkoll kuntest fil-kummerċ tal-brigantini u tal-qoton lejn Spanja. Fl-ewwel ta' Mejju ta' din is-sena, s-Soċjeta` Mużikali Beland, ħabbret l-iskoperta tal-awtur tal-vara titulari u traskrizzjoni tal-kuntratt oriġinali ġiet ppublikata fuq l-website tas-Soċjeta`. (6) Xi ġimgħat wara l-publikazzjoni ta' din l-istqarrija għall-istampa, ġew ppublikati wkoll xi dettalji biografiċi mhux magħrufa dwar l-iskultur tal-vara titulari. (7)

l-Informazzjoni importanti li toħroġ mill-Arkivju Notarili tal-Belt Valletta tipproponi għall-ewwel darba l-awtur tal-vara titulari oriġinali u tiċċara aktar l-istorja tagħha. (8). F'Awwissu tal-1757, dehru quddiem in-nutar Gabriele Bartoli l-iskultur Andrea Imbroll u l-prokuratur tal-knisja parrokkjali Dun Ġużepp Darmanin. L-iskultur Imbroll intrabat li jaħdem statwa ta' Santa Katarina iżda qabel jibda x-xogħol fuqha kellu jippreżenta abbozz fit-tafal biex jispjega aħjar il-ħsieb tiegħu. (9) L-istatwa kellha tinħadem ta' l-injam imsejjaħ 'di ponente' u kellha tkun għolja 'sette palmi in otto'. Imbroll talab 140 skud għal xogħlu. Il-prokuratur kien diġa' għaddielu 40 skud mis-somma miftiehma fil-kuntratt u ntrabat li jagħtih l-kumplament hekk kif titlesta l-vara. Ix-xogħol kellu jkun mitmum sal-15 ta' Awwissu 1758. Il-kuntratt sar fiż-Żejtun iżda Imbroll jidher li kien residenti l-Belt Valletta.

Jidher li Imbroll żamm dan il-ftehim. Hu tħallas il-mitt skud li kien baqa' fis-17 ta' Novembru 1758 iżda l-istatwa kienet għadha ma żżanżnitx sa sena wara. F' Novembru


Dettall tar-ras ta' Massiminu, Statwa ta' Santa Katarina, Żejtun.

1759, l-Isqof Bartolomeo Rull waqt il-vista pastorali tiegħu fil-parroċċa taż-Żejtun jsemmi statwa fl-injam ta' Santa Katarina bil-pedistall li kienet tinsab fis-Sagristija tar-Ružarju. L-Isqof iżda jżid jgħid li kienet għadha mhix miżbugħa. (10). Hu jżid wkoll li fuq dan il-proġett kienu ntefqu b'kollox madwar mitejn skud. Kollox jindika li din hija l-istatwa li pproduċa Imbroll ftit xhur qabel. Id-diskrepanza bejn il-prezz ta' 140 skud ikkwotat fil-kuntratt ma' dak ta' mitejn skud ikkwotat mill-Isqof Rull huwa spjegabbli bil-fatt li l-kuntratt tal-vara ma jkoprix il-pedistall. L-awtur tal-pedistall oriġinali mhux magħruf.

**L-iskultur misterjuż**

Andrea Imbroll għadu skultur xi ftit jew wisq misterjuż. Il-kunjom Imbroll għandu tabilħaqq oriġini Katalani iżda jidher li l-familja ta' l-iskultur kienet Maltija. (11). Jidher li kien l-iżgħar minn erba' aħwa u li missieru kien minn Ħal Luqa. Madankollu, Imbroll hu dokumentat bħala skultur mill-Isla. (12). Jidher wkoll li hu seta kien Ruma għal xi żmien qabel l-1745 biex jitħarreg fl-arti tal-iskultura iżda ftit li xejn huwa magħruf dwar taħt min seta tħarreġ. (13)


Statwa ta' Santa Katarina fuq dar privata, Triq Santa Marija, Żejtun.

Interessanti l-fatt kif Achille Ferris ma jsemmi l-ebda opra tiegħu filwaqt li Pietru Pawl Castanja ma jinkludihx mal-lista ta' pitturi u skulturi Maltin li jippublika. (14) Madankollu xi kittieba jagħtuna aktar dettalji. Stefano Zerafa jgħidilna li Imbroll għamel suċċess fil-Portugal bħala skultur fl-avorju. (15) Faure jżid jgħid li Imbroll għamel bosta xogħlijiet sbieħ kemm f'Malta kif wkoll barra minn pajjiżna u li miet il-Portugal. (16) Minn din l-informazzjoni, jidher li Imbroll seta' kellu rabta mill-qrib mal-Portugal u li speċjalizza fix-xogħol ta' l-avorju. Iżda x-xogħlijiet tiegħu mhumiex magħrufa wisq. Zerafa jsemmi kurċifiss xogħol ta' Andrea Imbroll maħdum fl-avorju li kien proprjeta` tan-neputijiet tiegħu.(17) Nafu li għall-Karmelitani tal-Imdina, Imbroll ħadem l-istatwa proċessjonali tal-Madonna tal-Karmnu fl-1761. (18) F'din l-istatwa, Imbroll ħares mill-qrib lejn il-vara tal-Madonna tar-Rużarju maħduma għad-Dumnikani tar-Rabat minn Melchiore Gafa mitt sena qabel fl-1661. Iżda għaraf jagħti interpretazzjoni li tħalli fid-deher l-istil u t-teknika tiegħu. Wieħed jittama li aktar xogħlijiet tiegħu jiġu ddentifikati fil-futur qrib.


Madonna tal-Karmnu, Andea Imbroll, 1761.

Il-kuntratt tal-vara titulari taż-Żejtun jikkonferma b'mod ċar li Imbroll kien jgħix f'Malta f'dan il-perjodu. Jidher wkoll li l-prokuratur ma kellu ebda dubju fuq il-kapaċitajiet ta' l-iskultur magħżul u saħansitra ħallsu parti mis-somma miftiehma bil-quddiem. L-istatwa kellha tirrappreżenta lill-qaddisa qiegħda tippriedka. Iżda għalkemm jidher li fil-kuntratt l-ikonografija hija speċifikata jista jkun li din ma kinitx ċara għal kollox jew miftiehma b'ċertezza. Fil-kuntratt ma nsibu l-ebda referenza għal inċiżjoni jew xogħol ieħor li Imbroll intrabat li jikkopja jew iżomm bħala gwida kif kien spiss jiġri. Il-ftehim sar fuq il-fiduċja sħiħa li Imbroll kien ser jipprezżenta buzzett li jintgħoġob. L-idea ta' kif kellha tkun il-vara setgħet għalhekk kienet ta' Imbroll li ħajjar lill-prokuratur biha.

**Restawr jew Rinovazzjoni?**

L-vara titulari għaddiet minn taqlib kbir u bosta referenzi jagħtuna ħjiel tax-xogħol li twettaq fuqha. Wieħed mill-aktar interventi bikrija huwa dak li sar fl-1796 mill-induratur Francesco Candido. (19) Candido tħallas 4 skudi għal tiswijiet fl-injam, 5 skudi biex taha l-verniċ u għal xogħol ieħor meħtieġ fuq l-istatwa. Tħallsu 3 skudi għal xogħol ta' induratura u pittura fuq il-bradella tal-istatwa u 25 skud għall-induratura u sgraffir tal-pedistall. Il-ħlasijiet jindikaw li l-vara seta' kellha xi ħsara.



Skrizzjoni mal-pedistall tal-vara titualri li tfakkar l-intervent tal-1882.

Fl-1882 sar intervent ieħor fuq l-vara titulari. Skrizzjoni fuq karta fil-parti ta' fuq tal-pedistall tal-vara titulari tagħti ħjiel tax-xogħol li sar. (20) Jidher li l-istatwa ġiet rrestawrata, ndurata, u sar xi xogħol ġdid fuq il-pedistall. Jisemmew l-iskultur Ġuzeppi Baldacchino, l-induratur Ġużeppi Bartoli u ċertu Vinċenz Borġ. Mhux magħruf min kien dan Borg iżda jidher li seta' kellu x'jaqsam max-xogħol ta' skultura. Ir-reġistri tal-kontijiet li jinsabu fil-knisja parrokkjali jinkludu il-ħlasijiet li saru fuq dan il-progett iżda ma jidher li sar ebda ħlas lil dan Vinċenz Borġ. Bartoli tħallas b' kollox 420 skud għar-restawr u l-induratura tal-vara titulari. (21) L-iskultur Baldacchino tħallas 51 skud għax-xogħol li għamel fuq il-pedistall u l-bradella. (22)

L-vara reġgħet ġiet rinovata fl-1928 mill-iskultur Antonio Agius taħt id-direzzjoni tal-pittur Żejtuni Ġużeppi Caruana u inbidlet f'dik li għandna illum. (23). Il-fotografija tagħti ħjiel tal-bidla li saret mhux biss fil-vara iżda wkoll fil-pedistall li jinkludi żidiet dekorattivi stilistikament attribwibli lil Antonio Agius.

**Stil, Teknika u Ikonografija**

Ir-rinovementi kollha li l-vara għaddiet minnhom bidlulha mhux ftit id-dehra originali tagħha. Meta wieħed jqabbel l-istatwa li Imbroll ħadem għall-Karmelitani ftit wara l-vara titulari taż-Żejtun ma dik li naraw fir-ritratti qabel ma ġiet modifikata fl-1928, jintebaħ li l-intervent li sar fl-1882 bidel mhux ftit il-vara titulari taż-Żejtun. Il-panneġġjatura profonda u soda li seta kellha giet mwittija. (24) Il-ħsieb seta kien li jqarreb l-istatwa titulari lejn ix-xogħlijiet ta' Mariano Gerada u l-iskola tiegħu skond tendenza popolari fis-seklu dsatax. Madankollu jidher li għad baqa partijiet li jixhdu id l-iskultur Imbroll. Jeżisti fil-fatt xebħ bejn partijiet originali fil-vara titulari taż-Żejtun, bħall-maskla tal-wiċċ tal-qaddisa kif wkoll r-ras maqtugħa tal-Imperatur Massiminu, ma' l-uċuħ fil-vara tal-Madonna tal-Karmnu. Indikazzjoni ta' kif setgħet kienet d-dehra tal-vara titulari oriġinali ta' Imbroll tista' tagħtihielna statwa żgħira tas-seklu tmintax fuq dar privata fi triq Santa Marija, Żejtun. L-awtur ta' din l-istatwa mhux magħruf iżda l-kwalitajiet tekniċi tal-panneġġjatura kif wkoll l-pożizzjoni delikata tagħha jqarrbuha lejn xoghlijiet ta' Imbroll. Madankollu, din l-istatwa toffri biss indikazzjoni ta' kif setghet kienet il-vara titulari.



L-Vara titulari ta' Santa Katarina, Żejtun qabel l-intervent tal-1928.

**Konservazzjoni**

Referenzi interessanti jagħtuna ħjiel dwar fejn kienet tinżamm l-istatwa titulari tul dan iż-żmien kollu. Jidher li għall-bidu l-istatwa kienet tinżamm flimkien ma' l-oħrajn fis-sagristija tal-fratellanza tar-Rużarju. (25) Ftit wara li l-vara ġiet restawrata fl-1796, jidher li saret wkoll

niċċa ġdida għaliha. (26) Iżda għal xi żmien bejn l-aħħar tas-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax, l-vara kienet tinżamm fil-knisja l-qadima ta' San Girgor flimkien mal-vari l-oħrajn li kellha l-parroċċa. Jidher iżda li l-vari ma damux jinżammu wisq fil-knisja parrokkjali l-qadima. Fl-1838, ittieħdet deċiżjoni biex titwaqqa l-kappella f'San Girgor li fiha kienu jinżammu l-vari u għalhekk ġie deċiż li jerġgħu jittieħdu lura fil-knisja parokkjali. (27) Iżda jidher li biex l-vari jerġgħu jintrefgħu fil-knisja parrokkjali kien meħtieg xogħol strutturali u ta' konservazzjoni. Għaldaqstant saret talba biex jinfetaħ bieb fis-sagristija tal-fratellanza tar-Rużarju li minnu seta' jkun hemm aċċess għat-triq biex jkunu jistgħu joħorġu u jdaħħlu bl-aktar mod komdu l-vari proċessjonali. (28). Jidher li nfetaħ bieb ġdid li probabbilment huwa dak li minnu għadhom sal-llum jinħarġu l-istatwi biex jitqegħdu għall-qima fil-knisja parrokkjali. (29) Sar wkoll xi xogħol li l-prokuratur jsejjaħlu ta' konservazzjoni fuq l-erba statwi. Dan ix-xogħol mhux identifikat b'mod ċar iżda jista' jkun li saru xi niċeċ ġodda għal dawn l-istatwi. (30) Il-vara sabet postha f'niċċa pariġġ il-fonti tal-magħmudija wara l-bieb tal-knisja parrokjali fl-1882. (31)

## Konkluzjoni

Il-proġett ta' restawr li sar din is-sena jġib fi tmiemu ċiklu ta' għarfien ġdid fuq il-vara titulari. Sentejn oħra, fl-2007, il-kuntratt jagħlaq tlett mija u ħamsin sena. Iż-żmien bidel id-dehra originali ta' l-istatwa ta' Santa Katarina minn kif sawwarha l-awtur. Il-kuntest artistiku tal-vara m'huwiex għalhekk dak tas-seklu tmintax, bħal fil-każ ta' l-istatwi ta' San Ġorġ u San Nikola ta' Pietro Feliċi. Tabilħaqq, l-istatwa oriġinali taż-Żejtun kienet tħabbatha għal dik li hija teknika u interpretazzjoni ma' l-aqwa xogħlijiet ta' artisti magħrufa Maltin tas-seklu tmintax kif jixhdu x-xogħlijiet ta' Imbroll. Iżda l-imgħallmin li naqqxu u bidlu din ix-xbiha ma rnexxielhomx jibdlu il-valur simboliku tagħha bħala xbiha li tgħaqqad il-kommunita` taż-Żejtun.

***Copyright 2005 Sandro Debono***

## B'dedika lil dawk kollha li jemmnu f'Ulied iż-Żejtun.

Ħajr lil dawk kollha li għenuni mhux ftit f'dan il-proġett tul medda ta'snin fosthom l-Arċipriet Fr Eric Overend, Dun Ġino Gauci, Dun Joe Abela, s-Sur Lorenzo Zahra (Arkivju tal-Isqof, Furjana), l-impjegati tal-Arkivju Notarili tal-Belt Valletta u bosta oħrajn. Mingħajr din l-għajnuna l-iskop ta' dan il-progett li wassal biex jigi identifikat l-awtur tal-vara originali ta' Santa Katarina ma kienx jintlaħaq.

(1) M.Buhagiar, **St Catherine of Alexandria; her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands**, Malta, 1979, 102.
(2) Referenzi ghal din it-tradizzjoni gew ippublikati originarjament minn P.P. Castagna.
(3) S. Debono, ***Santa Catalina de Alejandria***, **Programm tal-Festa Għaqda Mużikali Beland**, 2000.
(4) S. Debono, ***Indulgenzi u Kummerċ fis-Seklu Tmintax***, Programm tal-Festa Għaqda Mużikali Beland, 2002, 47.
(5) J. Abela, ***Ir-Rabta ta' Dun Dumink Abela mal-Vara ta' Santa Katarina***, **Programm tal-Festa Għaqda tal-Armar**, 2003.
(6) Stqarrija għall-Istampa ntitolata 'Skoperta Importanti Dwar il-Vara Titulari' pubblikata fit-30 ta' April fuq Di-Ve.Com u fl-1 ta' Mejju fuq il-Gazzetti Malta Independent u it-Torċa.
(7) John Debono, Il-Vara Titulari taż-Żejtun, It-Torċa, 15 ta' Mejju 2005.
(8) Arkivju Notarili Valletta, Atti Gabriele Bartoli, 1756-57, fol. 613.
(9) Il-kuntratt jsemmi b'mod ċar li l-abbozz kellu jkun mahdum 'di creta' jiġifieri fi-tafal.
(10) A.A.F., V.P. Bartolomeus Rull, 1759, fol. 479.
(11) J.Debono, 15 ta' Mejju 2005.
(12) Abela S., Il-**Karmelitani fl-Imdina**, Malta, 1994, 54.
(13) J.Debono, 15 ta' Mejju 2005
(14) Ara A. Ferris, **Descritione Storica delle Chiese di Malta e Gozo**, Ed. Facsimile, Midsea Books, 1985; P.P. Castagna, **L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha**, Ed. Facsimile, Midsea Books, 1985.
(15) S.Zerafa, **Discorso Sulla Storia Artistica di Malta**, Malta 1850. '*Andrea Imbroll figuro assai in Portogallo per le molte opera che ivi scolpi in avorio*'

(16) G. Faure, **Storja ta' Malta u l-Gżejjer Tagħha**, 1911, 1125.
(17) S. Zerafa, Discorso, ara nota 15.
(18) S. Abela, 1994, 54.
(19) A.P.Z., Vol.266, fol. 17.
(20) Din l-iskrizzjoni tgħid hekk '*Simulacrum hoc restauratum fuit anno Dni 1882 sub Procre. Sac D Laurentius Degabriele a M Joseph Baldacchino et Vincentio Borg, et inauratum a Josepho Bartolo, et novo stylobate ornatum et in nova simili fonti baptismali aedicule positum.*'
(21) J.Abela, *Il-Logħob tan-Nar u l-Ewwel Restawr tal-Vara Fi Zmien Dun Lawrenz Degabriele 1883* (ippublikat f'programm tal-festa mhux identifikat). Abela jikkwota A.P.Z. Vol. 196, fol. 42. L-ewwel ħlas lil Bartoli huwa intitolat : *Per ordine di Mons. Vescovo Carmelo Scicluna dato nella sua visita pastorale il 1 Dicembre 1880 per restauro e doratura della statua di Santa Caterina sotto il procuratore Sac L. Degabriele da Mro Giuseppe Bartoli.*
(22) Ibid.
(23) M. Buhagiar, 1979, 102.
(24) Ħajr lil Anthony Spagnol tal-informazzjoni li għaddieli dwar il-vara titulari. Jidher li waqt il-progett ta' rinovazzjoni tas-snin tletin tas-seklu għoxrin ġie nnutat li kien sar xogħol ta' rinovazzjoni fuq r-ras ta' l-istatwa titulari.
(25) A.I.F., V.P. 4533, Labini, fol.500v. ' *...reperit statuam B.M.V. in cediestem(?) ingressum a parva janua lateris sinistri, mandavit dicta statuam inde ammoveri et una aliis statuis S Michaeli et Sancta Catherina conservari in sacrestia*'
(26) A.P.Z., Vol. 266, fol. 43, 1 ta' April 1797 '*per la cassa fatta per la statua di Santa Caterina, cioe legno, chiodi, colla, colore, manifattura...*'
(27) A.P.Z., Vol. 178, fol. 222, '*A diversi per rimonerazione d'aver trasportato dalla chiesa di S. Gregorio alla Sta. Chiesa parrochiale la vara del Rosario la sua cassa e la bradella, avendo il Sign. Vincenzo Casolani padre dell'attuale cantore della Cattedrale dati tale ordine che si trasportino tutte le vare perche vuole sfabricare la cappella nella quale da lungo tempo trovasi conservate*'
(28) A.P.Z., Vol. 254, Konsulta tal-Fratellanza tar-Rużarju datata 1838.
(29) Ibid., fol.230 ' *...spesi nell'apertura d'una porta nella sacrestia del Rosario come costa dal libro consulte*'
(30) Ibid., fol. 240, '*A diversi ...spesi nella sacrestia del Rosario alla conservazione delle quattro statue cioe di Santa Katerina, B.V. del Rosario, San Giuseppe e San Michele....*'
(31) Ara nota 20.